MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 395/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Joseph u Maria Louise mizzewgin Gatt**
**(K.I. nri. 124169 (M) u 137968 (M))**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datati 14 ta' Lulju 2000 (Dok. "A" u Dok. "B"), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuti Joseph u Maria Louise mizzewgin Gatt;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Joseph u Maria Louise mizzewgin Gatt fis-somma ta' tlieta u erbghin elf, erba' mija u sitt Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€43,406.43) – ekwivalenti ghal tmintax-il elf, sitt mija u erbgha u tletin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm18,634.38) - bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u l-Overdraft Accounts*" ta' Joseph u Maria Louise mizzewgin Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3", Dok. "D1 sa D3" u Dok. "E1 sa E15") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Marzu 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dok. "A" u Dok. "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph u Maria Louise mizzewgin Gatt,

(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Joseph u Maria Louise mizzewgin Gatt li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Frar 2007 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok "F", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A" u Dok "B") partikolarment imma

mhux esklussivament, billi Joseph u Maria Louise mizzewgin Gatt (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Joseph u Maria Louise mizzewgin Gatt li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

6. Tikkundanna lil Joseph u Maria Louise mizzewgin Gatt jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u erbghin elf, erba’ mija u sitt Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€43,406.43) – ekwivalenti ghal tmintax-il elf, sitt mija u erbgha u tletin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm18,634.38) - bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u l-Overdraft Accounts*" ta’ Joseph u Maria Louise mizzewgin Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1 sa C3”, Dok. “D1 sa D3” u Dok. “E1 sa E15”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta’ Marzu 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 13 ta’ Frar 2007 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lil intimati li naqsu li jidhru u jipprezentaw r- risposta taghhom u hekk baqu kontumaci;

Semghet lil P L Francesca Scerri;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedota fir-rikors tirrizulta pruvata ;

Fil-kontumacja tal-intimati tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------